# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 23 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**Carmelo Francesco Anastasio**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi

Carmelo Francesco Anastasio ta' 37 sena, iben Pietro u Graziella Anastasio, imwieled ġewwa Catania nhar it-02/04/1983 u residenti fil-fond 56, St. Anthony, Triq is-Sliem, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita 195553A

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2020 ghal ħabta ta' 18:30hrs bejn ġewwa Marsaskala

1. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żghira fuq il-persuna ta' Francesca Rizzotti, hekk kif iċċertifika Dr. Ylenia Zammit (Med Reg 4631) mill-isptar Mater Dei.

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil omm it-tfal tieghu u cioe' Francesca Rizzotti kontra l-volonta' taghha.

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' mobile phone, liema ħsara tammonta ghal anqas minn €2,500 għad-dannu ta' Francesca Rizzotti.

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Francesca Rizzotti.

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat , inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Carmelo Francesco Anastasio a benefiċju ta' Francesca Rizzotti u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Francesca Rizzotti jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Carmelo Francesco Anastasio b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijijet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, hadet in konsiderzzjoni ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 221(3), 222(a) u 202(h), 86 u 87, 325(1)(b), (338(dd), 339(1)(d), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sena (1) prigunerija** li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin**. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta'

l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Francesca Rizzotti qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' tlett snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk l-imputat jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**